SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

13 ta' Settembru 2007 *

Fil-Kawżi magħquda C-439/05 P u C-454/05 P,

li għandhom bħala suġġett żewġ appelli skond l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentati fis-7 u s-16 ta' Diċembru 2005,

Land Oberösterreich, irrappreżentat minn G. Hörmanseder, bħala aġent, assistit minn F. Mittendorfer, Rechtsanwalt,

Ir-Repubblika ta' l-Awstrija, irrappreżentata minn H. Dossi u A. Hable, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn U. Wölker u M. Patakia, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, J. Klučka (Relatur), J. N. Cunha Rodrigues, U. Lõhmus u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2007,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Peremzz ta' l-appelli tagħhom, il-Land Oberösterreich u r-Repubblika ta' l-Awstrija qed jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-5 ta' Ottubru 2005, Land Oberösterreich u L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (T-366/03 u T-235/04, Ġabra p. II-4005, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha l-imsemmija Qorti ċaħdet ir-rikorsi tagħhom għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/653/KE, tat-2 ta' Settembru 2003, li tirrigwarda dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprojbixxu l-utilizzazzjoni ta' organiżmi

modifikati ġenetikament fil-provinċja ta' l-Awstrija ta' Fuq innotifikati mir-Repubblika ta' l-Awstrija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 95(5) tat-Trattat KE (ĠU L 230, p. 34, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

2 It-Trattat ta' Amsterdam, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1999, emenda l-Artikolu 100 A tat-Trattat KE b'mod kunsiderevoli u biddel in-numru ta' l-Artikolu għal 95 KE. L-Artikolu 95(4) sa (6) KE jipprovdi:

"4. Jekk, wara l-adozzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni ta' miżuri ta' armonizzazzjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq il-bażi ta' neċessitajiet maġġuri msemmija fl-Artikolu 30, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol, dan għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll dwar ir-raġuni għaliex għandhom jinżammu.

5. Aktar minn hekk, mingħajr preġudizzjoni għall-paragrafu 4, jekk, wara l-adozzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali bbażati fuq prova xjentifika ġdida, li għandha x'taqsam mal-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol fuq il-bażi ta' xi problema speċifika għal dak l-Istat Membru li toriġina mill-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet li jkollu l-ħsieb jintroduċi kif ukoll bil-bażi għall-introduzzjoni tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifika msemmija fil-paragrafi 4 u 5, tapprova jew tiċħad id-dispożizzjonijiet nazzjonali involuti, wara li tkun

ivverifikat jekk humiex, jew le mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u jekk joħolqux, jew le ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni matul dan il-perijodu, id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu approvati.

Meta tkun iġġustifikata mill-komplessità tal-materja u meta m'hemmx periklu għas-saħħa umana, il-Kummssjoni tista' tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li l-perijodu msemmi f'dan il-paragrafu jista' jittawwal b'perijodu ieħor sa sitt xhur."

3 Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, p. 1), ġiet adottata abbażi ta' l-Artikolu 95 KE. Skond l-Artikolu 1 tagħha, l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tapprossima l-liġijiet, regolamenti, u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, minn naħa waħda, meta jsir rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (iktar 'il quddiem "GMOs") għal skopijiet differenti minn dak li jitqiegħdu fis-suq intern tal-Komunità Ewropea, u, min-naħa l-oħra, meta GMOs jitqiegħdu fis-suq fi ħdan il-Komunità bħala prodotti jew komponenti ta' prodotti.

4 L-imsemmija Direttiva tistabbilixxi sistema ta' notifiki u ta' awtorizzazzjonijiet, li, skond l-Artikolu 4(3), jiġu ppreċeduti minn evalwazzjoni, każ b'każ, ta' l-effetti ħżiena potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, li jistgħu jirriżultaw direttament jew indirettament minn trasferiment ta' ġeni minn GMOs għal organiżmi oħra.

5 L-awtorizzazzjonijiet li ngħataw qabel is-17 ta' Ottubru 2002 skond id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE, tat-23 ta' April 1990, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (ĠU L 117, p. 15), għat-tqegħid fis-suq ta' GMOs kemm bħala prodotti jew komponenti ta' prodotti jistgħu jiġu mġedda, qabel is-17 ta' Ottubru 2006, skond il-proċedura semplifikata msemmija fl-Artikolu 17(2) sa (9) tad-Direttiva 2001/18.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

6 Fit-13 ta' Marzu 2003, ir-Repubblika ta' l-Awstrija nnotifikat lill-Kummissjoni, abbozz ta' liġi tal-Land Oberösterreich li jipprojbixxi l-inġinerija ġenetika (Oberösterriechisches Gentechnik-Verbotsgessetz, iktar 'il quddiem il-"miżura nnotifikata") ta' l-2002. Dan l-abbozz huwa intiż sabiex jipprojbixxi l-produzzjoni taż-żerriegħa u ta' pjanti komposti minn jew li jkollhom fihom il-GMOs kif ukoll it-tkabbir u l-introduzzjoni fl-ambjent, għall-kaċċa jew għas-sajd, ta' annimali transgeniċi. In-notifikazzjoni kellha bħala għan li tinkiseb, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 95(5) KE, deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18. Hija kienet ibbażata fuq rapport intitolat "Reġjuni agrikoli mingħajr GMOs: kunċett u analiżi ta' possibbiltajiet u miżuri ta' implementazzjoni" ("GVO freie Bewirtschaftungsgebiete: Konzeption und Analyse von Szenarien und Umsetzungsschritten"), miktub minn M. W. Müller (iktar 'il quddiem ir-"rapport Müller").

7 Wara li l-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (iktar 'il quddiem l-"EFSA") sabiex tanalizza n-natura probatorja ta' l-elementi xjentifiċi invokati mir-Repubblika ta' l-Awstrija, l-EFSA, fl-4 ta' Lulju 2003 tat opinjoni li fiha, essenzjalment, waslet għall-konklużjoni li dawn l-elementi ma kien fihom ebda prova xjentifika ġdida li tista' tiġġustifika l-projbizzjoni tal-GMOs fil-Land Oberösterreich.

8 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata. Skond din id-Deċiżjoni, ir-Repubblika ta' l-Awstrija la pprovdiet provi xjentifiċi

ġodda u lanqas ma wriet li kien hemm, fil-Land Oberösterreich, problema speċifika li rriżultat wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2001/18 u li ħolqot il-ħtieġa ta' l-introduzzjoni tal-miżura nnotifikata. Peress illi l-kundizzjonijiet definiti fl-Artikolu 95(5) KE ma kinux ġew sodisfatti, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għal deroga tar-Repubblika ta' l-Awstrija.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

9 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-3 ta' Novembru 2003, il-Land Oberösterreich ressaq rikors għall-annulament tad-deċiżjoni kkontestata. Dan ir-rikors ġie rreġistrat bin-numru T-366/03.

10 Peremzz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Novembru 2003, ir-Repubblika ta' l-Awstrija ressqet rikors ukoll għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Dan ir-rikors ġie rreġistrat bin-numru C-492/03.

11 Peremezz ta' digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ġunju 2004, il-kawża C-492/03 ġiet irrinvijata lill-Qorti tal-Prim'Istanza. Din il-kawża ġiet irreġistrata bin-numru T-235/04.

12 B'deċiżjoni tal-President tar-Raba' Awla tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Frar 2005, wara li nstemgħu l-partijiet, il-kawżi T-366/03 u T-235/04 ingħaqdu għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza, skond l-Artikolu 50 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

13 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-ewwel lok, ikkunsidrat li r-rikors ippreżentat mil-Land Oberösterreich kien ammissibbli. Hija kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata kienet tirrigwarda individwalment lil dan il-Land peress li taffettwa att li tiegħu huwa l-awtur u peress li tostakolah milli jeżerċita, kif iqis xieraq, il-kompetenzi tiegħu mogħtija lilu mis-sistema Kostituzzjonali Awstrijaka. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet ukoll li l-imsemmija deċiżjoni kienet tirrigwarda direttament lil-Land Oberösterreich, inkwantu, għalkemm din ġiet indirizzata lir-Repubblika ta' l-Awstrija, dan l-Istat Membru ma eżerċita ebda setgħa diskrezzjonali meta kkomunikaha lill-imsemmi Land.

14 Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-erba' raġunijiet invokati mir-rikorrenti kif ġej.

15 Fir-rigward ta' l-ewwel raġuni, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju tal-kontradittorju, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, b'mod partikolari, li r-raġunament adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ta' l-20 ta' Marzu 2003, Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni (C-3/00, Ġabra p. I-2643), biex tiġġustifika n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-proċedura prevista fl-Artikolu 95(4) KE, seta' jiġi applikat għall-proċedura prevista fil-paragrafu 5 ta' dan l-istess Artikolu. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li din l-aħħar imsemmija proċedura tinfetaħ ukoll fuq talba ta' Stat Membru għall-approvazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni adottata fuq il-livell Komunitarju. Hija żiedet li ż-żewġ proċeduri previsti fl-Artikolu 95(4) u (5) KE jinbdew mill-Istat Membru li jinnotifika, li jista' jikkummenta fuq id-deċiżjoni li huwa jitlob li tiġi adottata, u li dawn il-proċeduri għandhom, fl-interess ta' l-Istat Membru li jinnotifika u l-operat tajjeb tas-suq intern, jintemmu malajr.

16 Fil-punti 41 sa 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat:

"41 Kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, il-fatt li l-proċedura ta' l-Artikolu 95(5) KE tikkonċerna miżuri nazzjonali li għadhom fi stat ta' abbozz

ma jippermettix li [tiġi distinta] mill-proċedura prevista fil-paragrafu 4 ta' l-istess Artikolu sal-punt li wieħed jikkunsidra li l-prinċipju tal-kontradittorju jkun applikabbli għalih[a]. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma jistgħux b'mod validu jargumentaw mill-fatt li l-obbligu ta' ħeffa seta' kien inqas fir-rigward ta' l-eżaminazzjoni ta' miżura nazzjonali li għadha ma daħlitx fis-seħħ, [b'mod li] il-Kummissjoni setgħet faċilment ittawwal it-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 95(6) KE, sabiex tipproċedi għas-smiegħ tal-partijiet.

42 Fl-ewwel lok, dan l-argument imur kontra l-kitba ta' l-Artikolu 95(6) KE. Min-naħa, dan japplika indistintament għat-talbiet ta' deroga li jikkonċernaw miżuri nazzjonali fis-seħħ, imsemmija fl-Artikolu 95(4) KE, u għat-talbiet li jikkonċernaw miżuri fi stat ta' abbozz, li għalihom l-Artikolu 95(5)KE huwa applikabbli. Min-naħa l-oħra, il-fakultà ta' proroga tat-terminu ta' deċiżjoni ta' sitt xhur, previst[a] fit-tielet paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, tista' tiġi eżerċitata biss mill-Kummissjoni jekk il-kumplessità tat-talba mressqa tirrikjedi dan u fin-nuqqas ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem. B'hekk jidher li t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 95(6), KE ma jippermettix lil[l-]Kummissjoni li tiddifferixxi t-terminu tad-deċiżjoni b'sitt xhur bil-għan biss li tippermetti li tisma' l-Istat Membru li ressqilha talba għal deroga skond l-Artikolu 95(5) KE.

43 Fit-tieni lok, l-argument tar-rikorrenti mhuwiex konformi ma' l-ispirtu ġenerali ta' l-Artikolu 95(5) KE. Iċ-ċirkustanza [li] din id-dispożizzjoni tikkunsidra miżura nazzjonali li għadha mhijiex fis-seħħ ma tnaqqasx l-interess sabiex [... i] l-Kummissjoni tiddeċiedi malajr dwar it-talba ta' deroga li tressqet quddiemha. Fil-fatt, il-konklużjoni ta' malajr ta' din il-proċedura hija mixtieqa mill-awturi tat-Trattat [KE] sabiex [jinża]mm l-interess ta' l-Istat Membru applikant li jiġi infurmat fuq ir-regoli applikabbli, kif ukoll fl-interess tal-funzjoni tajba tas-suq intern.

44 Fuq dan l-aħħar punt, għandu jiġi enfasizzat li, sabiex jiġi evitat li jkun[u] ta' tfixkil għa[n-natura vinkolanti] u għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt komunitarju, il-proċeduri previsti fl-Artikoli 95(4) u (5) KE huma intiżi t-tnejn

li huma sabiex jiggarantixxu li ebda Stat Membru ma japplika regolamentazzjoni nazzjonali li tidderoga mir-regoli li armonizzaw mingħajr ma jkunu [...] ħadu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni [minn qabel]. Issa, minn dan il-punt, is-sistema applikabbli għal miżuri nazzjonali nnotifikati skond l-Artikolu 95(4) KE mhijiex differenti b'mod sinjifikattiv minn dak applikabbli għal miżuri nazzjonali li għadhom fi stat ta' abbozz u ġew innotifikati skond l-Artikolu 95(5)KE. Fiżżewġ proċeduri, fil-fatt, il-miżuri nazzjonali in kwistjoni huma inapplikabbli [sakemm i]l-Kummissjoni ma [tkunx] tat [...] id-deċiżjoni tagħha fuq l-għoti ta' deroga. Fil-kuntest ta' l-Artikolu 95(5) KE, din is-sitwazzjoni tirriżulta minnatura stess tal-miżuri in kwistjoni, li għadhom fi stat ta' abbozz. Fir-rigward ta' l-Artikolu 95(4) KE, din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-iskop tal-proċedura li hija tistabbilixxi. Il-Qorti fil-fatt fakkret li l-miżuri fir-rigward ta' l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom bħala għan l-istabbiliment u l-funzjoni tas-suq intern ikunu nieqsa mill-effett tagħhom jekk l-Istati Membri jikkonservaw il-fakultà li japplikaw unilateralment regolamentazzjoni nazzjonali li tidderoga minnhom. Stat Membru mhuwiex, għaldaqstant, awtorizzat li japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati skond l-Artikolu 95(4) KE ħlief wara li jkun ġab mill-Kummissjoni deċiżjoni ta' approvazzjoni (ara, permezz ta' analoġija flimkien mal-proċedura ta' l-Artikolu 100 A(4) tat-Trattat KE, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Mejju 1994, Franza vs Il-Kummissjoni, C-41/93, Ġabra p. I-1829, punti 29 u 30, u ta' l-1 ta' Ġunju 1999, Kortas, C-319/97, Ġabra p. I-3143, punt 28)."

17 Għal dak li jikkonċerna t-tieni raġuni, ibbażata fuq ksur ta' l-obbligu ta' motivazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza, b'mod partikolari, ikkonstatat li l-Kummissjoni żviluppat l-argumentazzjoni tagħha b'mod dettaljat u sħiħ, li jippermetti lid-destinatarju tad-deċiżjoni kkontestata jsir jaf ir-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt tagħha u lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni.

18 F'dan ir-rigward, hija żiedet fil-punt 56 tas-sentenza appellata:

"Fil-fatt, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq tliet elementi prinċipali sabiex tiċħad it-talba tar-Repubblika ta' l-Awstrija. Hija, mall-ewwel, ikkonstatat li dan l-Istat Membru ma kienx wera li l-miżura nnotifikata kienet iġġustifikata fir-rigward tal-

provi xjentifiċi ġodda dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent ([premessi] 63 sa 68 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni, minnbarra dan, ikkunsidrat li l-miżura nnotifikata ma kinitx iġġustifikata minħabba problema speċifika għar-Repubblika ta' l-Awstrija ([premessi] 70 u 71 tad-deċiżjoni kkontestata). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ċaħdet l-argumenti ta' l-awtoritajiet Awstrijaċi li kienu jiġġustifikaw il-miżuri nazzjonali [bl-invokazzjoni tal-prinċipju] ta' prekawzjoni, fejn ikkunsidrat li dawn kienu wisq ġener[ali] u mhux biżżejjed fondati (il-[premessi] 72 u 73 tad-deċiżjoni kkontestata)."

19 Fir-rigward tat-tielet raġuni, ibbażata fuq il-ksur ta' l-Artikolu 95(5) KE, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punti 65 sa 67 tas-sentenza appellata:

"65 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċaħdet l-argumenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija li kienu juru l-eżistenza ta' problema speċifika skond l-Artikolu 95(5) KE, għar-raġuni li kien jirriżulta b'mod ċar min-notifikazzjoni li d-daqs żgħir ta' l-impriżi agrikoli, iktar milli problema tal-Land Oberösterreich biss, kienet karatteristika komuni, preżenti fl-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni wkoll irreferiet għall-konklużjoniiet ta' l-EFSA, b'mod partikolari dawk li skond huma, min-naħa, il-'provi xjentifiċi ppreżentati ma fihom ebda informazzjoni ġdida jew speċifikament lokali li tikkonċerna l-impatt fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem, ta' tkabbir jew ta' annimali modifikati ġenetikament eżistenti jew futuri' u, min-naħa l-oħra, ma kien [ġie] ippreżenta[t] "ebda element xjentifiku li jagħti prova li dan ir-reġjun ta' l-Awstrija (kellu) ekosistemi partikolari jew eċċezzjonali, li kienu jeħtieġu evalwazzjoni tar-riskji distinta minn dawk li saru għall-Awstrija kollha jew għal reġjuni oħra simili ta' l-Ewropa" ([premessi] 70 u 71 tad-deċiżjoni kkontestata).

66 Għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma ġabux elementi ta' provi li jippermettu li jiġi ddubitat il-mertu ta' dawn l-evalwazjonijiet fir-rigward ta' l-eżistenza ta' problema speċifika, imma dawn illimitaw ruħhom li jenfasizzaw id-daqs żgħir ta' l-impriżi agrikoli u l-importanza ta' l-agrikoltura bioloġika fil-Land Oberösterreich.

67 B'mod partikolari, ir-rikorrenti ma invokawx elementi intiżi sabiex [jikkonfutaw] il-konklużjonijiet ta' l-EFSA fejn skond dawn ir-Repubblika ta' l-Awstrija ma stabbilietx li t-territorju tal-Land Oberösterriech fih ekosistemi partikolari jew eċċezzjonali, li jeħtieġu evalwazjoni tar-riskji distinta minn dawk li [saru għal]l-Awstrija kollha jew f' reġjuni oħra simili ta' l-Ewropa. Mistiedna matul isseduta sabiex jesprimu ruħhom dwar il-kobor tal-problema kkawżata mill-GMOs fuq it-territorju tal-Land Oberösterreich, ir-rikorrenti ma kienux filpożizzjoni li jinkidaw jekk il-preżenza ta' dawn l-organiżmi kienet ukoll instabet hemmekk. Il-Land Oberösterreich ippreċiża li l-adozzjoni tal-miżura nnotifikata kienet twassal għal biża' li jkunu jridu jbatu l-preżenza tal-GMOs għar-raġuni ta' l-iskadenza mħabbra ta' ftehim li skond dan l-Istati Membri kienu temporanjament impenjaw ruħhom li ma jagħtux awtorizzazzjonijiet għal dawn l-organiżmi. [... D]awn il-kunsiderazzjonijiet, minħabba l-karattru tagħhom ta' ordni ġenerali, [...] mhumiex adattati li jannullaw l-evalwazjonijiet konkreti li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata".

20 Il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat fil-punt 69 tas-sentenza appellata:

"Peress illi l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 95(5) KE kienu kumulattivi, huwa biżżejjed li [waħda] minn dawn il-kundizzjonijiet ma [t]kunx sodisfatt[a] sabiex it-talba għal deroga tkun miċħuda [...]. Peress illi r-rikorrenti ma kienux irnexxielhom juru li [waħda] mill-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 95(5) KE kien[et] ġie[t] sodisfatt[a], għandha tiġi miċħuda t-tielet raġuni bħala infondata, mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi deċiż fuq l-ilmenti u l-argumenti l-oħra."

21 Għal dak li jikkonċerna r-raba' raġuni, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li din ir-raġuni kienet irrilevanti, billi l-Kummissjoni kienet saritilha talba skond l-Artikolu 95(5) KE u kienet iddeċidiet li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma kinux sodisfatti. Peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat, fi tmiem l-eżami tat-tielet raġuni, li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx żbaljata, hija kkunsidrat, fil-punt 71 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma setgħet tagħmel xejn ħlief li tiċħad it-talba li kienet saritilha.

Fuq l-appelli

22 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2006, iż-żewġ appelli ngħaqdu għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

23 In sostenn ta' l-appelli tagħhom, il-Land Oberösterreich u r-Repubblika ta' l-Awstrija jqajmu żewġ aggravji għall-annullament. L-ewwel waħda hija bbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju tal-kontradittorju u t-tieni waħda fuq il-ksur ta' l-Artikolu 95(5) KE.

Fuq ir-raġuni relativa għall-portata tal-prinċipju tal-kontradittorju

L-argumenti tal-partijiet

24 Ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Qorti tal-Prim'Istanza talli rrepetiet is-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward ta' l-Artikolu 95(4) KE, jiġifieri n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju tal-kontradittorju, meta din il-kawża tirrigwarda l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Teżisti differenza bejn dispożizzjoni nazzjonali, li għaliha tintalab deroga skond il-paragrafu 4 ta' l-imsemmi Artikolu, fejn l-imsemmija dispożizzjoni hija diġà fis-seħħ u b'hekk, għall-inqas tista' potenzjalment tkun ta' ħsara għas-suq intern, u dispożizzjoni li għadha fil-forma ta' abbozz, li għaliha tintalab deroga skond il-paragrafu 5 ta' l-istess Artikolu.

25 Minn naħa waħda, ir-rikorrenti josservaw li, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għal ġurisprudenza li tirrigwarda l-Artikolu 100 A

tat-Trattat. Huma jippreċiżaw li din id-dispożizzjoni ma kinitx tagħmel distinzjoni bejn iż-żamma fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti u l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali ġodda, filwaqt li issa, il-paragrafi (4) u (5) ta' l-Artikolu 95 KE jagħmlu din id-distinzjoni.

26 Min-naħa l-oħra, huma jenfasizzaw li s-sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 95(5) KE hija differenti minn dik koperta mill-paragrafu (4) ta' dan l-Artikolu, safejn, fil-każ ta' miżura nazzjonali fl-istadju ta' abbozz, l-interess ta' l-operat tajjeb tas-suq intern ma jirrikjedi ebda ħeffa partikolari tal-proċedura u l-Kummissjoni tista' faċilment tipproroga t-terminu ta' sitt xhur previst mill-Artikolu 95(6) KE u jsir skambju ta' argumenti.

27 Bħala risposta, il-Kummissjoni tikkunsidra li, billi tirreferi għall-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tinvoka biss aspett ta' din il-ġurisprudenza li jikkonċerna l-paragrafi (4) u (5) ta' l-Artikolu 95 KE, jiġifieri li, fiż-żewġ każijiet koperti minn dawn il-paragrafi, Stat Membru ma jistax jidderoga minn miżura ta' armonizzazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li anki jekk liġi ma tkunx qabżet l-istadju ta' abbozz, jista' jkun hemm interess li tingħata kjarifika malajr kemm jista' jkun.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

28 Skond l-Artikolu 95 KE, wara l-adozzjoni ta' miżuri relativi għall-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri, dawn huma obbligati jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għall-approvazzjoni tagħha, bid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw millli-imsemmija miżuri. Il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jirrigwarda l-każ ta' żamma fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu jeżistu qabel il-miżuri ta' armonizzazzjoni u l-paragrafu (5) ta' l-istess Artikolu jirrigwarda l-każ taż-żamma tad-dispożizzjonijiet nazzjonali derogatorji li l-Istat Membru jixtieq jadotta.

29 Il-proċeduri previsti fl-imsemmi Artikolu jinbdew bin-notifika mill-Istat Membru lill-Kummissjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali derogatorji, ikomplu b'fażi li matulha l-Kummissjoni teżamina l-elementi ta' l-inkartament sabiex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa humiex sodisfatti u tintemm permezz tad-deċiżjoni finali li tawtorizza jew tippoprjbixxi l-imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni hija mitluba tiddeċiedi biss wara li tkun ivverifikat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ma jikkostitwixxux mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fil-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2003, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-512/99, Ġabra p. I-845, punt 44).

30 Barra minn hekk, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-proċedura prevista mill-Artikolu 95(4) KE, il-prinċipju tal-kontradittorju ma japplikax għaliha (sentenza Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

31 Fir-rigward tal-proċedura prevista mill-paragrafu (5) ta' l-istess Artikolu, l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali ġodda għandha tkun ibbażata fuq provi xjentifiċi ġodda relativi għall-ħarsien ta' l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol minħabba problema speċifika għal dan l-Istat Membru li tirriżulta wara l-adozzjoni tal-miżura ta' armonizzazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Danimarka vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57).

32 Ir-rekwiżit li għandhom jiġu ppreżentati provi xjentifiċi ġodda in sostenn tat-talba jista', f'dan ir-rigward, iwassal lill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni tal-fondatezza ta' din it-talba, sabiex tirrikorri għal esperti esterni biex tikseb l-opinjoni tagħhom fuq l-imsemmija provi, opinjoni li mbagħad isservi bħala bażi għad-deċiżjoni finali.

33 B'hekk, il-Kummissjoni ammettiet li ma kinitx kapaċi, f'dan il-każ, tevalwa waħedha l-elementi ta' prova xjentifiċi li jinsabu fir-rappport Müller u indikat li, konsegwentement, kellha titlob l-opinjoni ta' l-EFSA qabel ma ħadet id-deċiżjoni tagħha skond l-Artikolu 95(5) KE.

34 Għandu jiġi vverifikat jekk il-prinċipju tal-kontradittorju kellux jiġi applikat f'każ bħal dan, kif isostnu r-rikorrenti, jew jekk, kif ġie deċiż fil-kawża Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward ta' l-Artikolu 95(4) KE, il-prinċipju tal-kontradittorju ma kienx applikabbli.

35 F'dan ir-rigward, il-prinċipju tal-kontradittorju, li l-Qorti tassigura l-osservanza tiegħu, jimponi l-obbligu fuq l-awtorità pubblika li tisma' lill-partijiet ikkonċernati qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkonċernahom (sentenzi ta' l-10 ta' Lulju 2001, Ismeri Europa vs Il-Qorti ta' l-Awdituri, C-315/99 P, Ġabra p. I-5281, punt 28, u Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

36 Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju tal-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża, li l-prinċipju tal-kontradittorju huwa marbut mill-qrib miegħu, japplika mhux biss għall-awtoritajiet amministrattivi, iżda wkoll għall-Istat Membri. Għal dak li jirrigwarda dawn ta' l-aħħar, dan il-prinċipju ġie rrikonoxxut fil-kuntest ta' proċeduri miftuħa minn istituzzjoni Komunitarja kontra l-Istat Membru konċernat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46). Ġie deċiż li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża, fil-proċedimenti kollha mressqa kontra persuna u li jistgħu jwassalu għal att li jaffettwaha b'mod negattiv, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju li għandu jiġi assigurat anke fin-nuqqas ta' kull leġiżlazzjoni speċifika. (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Frar 1992, L-Olanda *et* vs Il-Kummissjoni, C-48/90 u C-66/90, Ġabra p. I-565, punt 44; tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-288/96, Ġabra p. I-8237, punt 99, u tad-9 ta' Ġunju 2005, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-287/02, Ġabra p. I-5093, punt 37).

37 Madankollu, ma jirriżultax, fl-ewwel lok, mill-kliem ta' l-Artikolu 95(5) KE li l-Kummissjoni hija obbligata tisma' lill-Istat Membru li jinnotifika qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha ta' approvazzjoni jew ċaħda tad-dispożizzjonijiet nazzjonali in kwistjoni. Filwaqt li ħa in kunsiderazzjoni l-partikolaritajiet ta' din il-proċedura, il-leġiżlatur Komunitarju stipula biss, fl-Artikolu 95 KE, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex tinkiseb deċiżjoni tal-Kummissjoni, it-termini li fihom il-

Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha ta' approvazzjoni jew ċaħda kif ukoll l-eventwali prorogi tat-terminu.

38 Fit-tieni lok, il-proċedura prevista mill-Artikolu 95(5) KE, bħal dik prevista mill-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, tinbeda, kif intqal fil-punt 29 ta' din is-sentenza, mhux minn istituzzjoni Komunitarja jew nazzjonali, iżda minn Stat Membru, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tittieħed biss bħala reazzjoni għal din l-inizjattiva. Permezz tat-talba tiegħu, l-Istat Membru għandu kull dritt jagħti l-opinjoni tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali li qed jitlob li jiġu introdotti, kif jirriżulta espressament mill-Artikolu 95(5) KE li jobbliga lill-Istat Membru jindika r-raġunijiet li jiġġustifikaw it-talba tiegħu.

39 Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni fit-termini mogħtija lilha, li tikseb l-informazzjoni li tirriżulta neċessarja, mingħajr ma tkun obbligata tisma' lill-Istat Membru li jinnotifika qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, għal dak li jikkonċerna l-proċedura prevista mill-Artikolu 95(4) KE li hija suġġetta għall-istess termini bħal dawk applikabbli għall-proċedura prevista mill-paragrafu (5) ta' l-istess Artikolu, is-sentenza Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48).

40 Għandu jiġi enfasizzat li, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 95(6) KE, id-dispożizzjonijiet nazzjonali derogatorji huma kkunsidrati bħala approvati jekk il-Kummissjoni ma tieħu ebda deċiżjoni meta jagħlaq it-terminu mogħti. Barra minn hekk, skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 95(6), il-proroga ta' dan it-terminu mhijiex possibbli meta l-kwistjoni mhijiex kumplessa u f'każ ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem.

41 L-awturi tat-Trattat riedu li, kemm fl-interess ta' l-Istat Membru li jinnotifika, kif ukoll fl-interess ta' l-operat tajjeb tas-suq intern, il-proċedura prevista minn dan l-Artikolu tiġi konkluża malajr. Dan l-għan diffiċilment jista' jiġi rrikonċiljat ma' rekwiżit li jimponi skambji ta' informazzjoni u argumenti fit-tul.

42 Fl-aħħar lok għandu jingħad ukoll li, billi semmiet, fil-punt 44 tas-setnenza kkontestata, ġurisprudenza relativa għall-proċedura ta' l-Artikolu 100A(4) tat-Trattat, il-Qorti tal-Prim'Istanza riedet sempliċiment tenfasizza l-eżistenza tal-kundizzjoni imposta fuq l-Istat Membru biex ikun jista' jidderoga minn miżura ta' armonizzazzjoni adottata fuq il-livell Komunitarju, jiġifieri l-obbligu li jikseb l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Din il-kundizzjoni tibqa' tapplika fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 95(4) u (5) KE peress li għandha tiġi sodisfatta kemm mill-Istat Membru li jinnotifika regolament diġà fis-seħħ skond l-Artikolu 95(4) KE kif ukoll minn dak li jinnotifika abbozz ta' liġi skond l-Artikolu 95 (5) KE. Il-miżuri li għalihom jirreferu dawn iż-żewġ paragrafi huma għalhekk irregolati f'dan ir-rigward mill-istess prinċipji, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 85 tal-konklużjonijiet tagħha.

43 Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-proċedura prevista mill-Artikolu 95(5) KE, tax-xebh bejn din il-proċedura u dik prevista mill-Artikolu 95(4) KE, kif ukoll ta' l-għan komuni ta' dawn iż-żewġ paragrafi li huwa li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiksbu derogi mill-miżuri ta' armonizzazzjoni, m'hemmx lok li tingħata soluzzjoni differenti minn dik adottata fil-konfront ta' l-Artikolu 95(4) KE. Għaldaqstant, il-Kummissjoni mhijiex marbuta tosserva l-prinċipju tal-kontradittorju qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha skond l-Artkolu 95(5) KE (ara, f'dan is-sens, fir-rigward ta' l-Artikolu 95(4) KE, is-sentenza id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

44 Il-Qorti tal-Prim'Istanza għalhekk kellha raġun tikkunsidra li l-prinċipju tal-kontradittorju ma kienx applikabbli għall-proċedura prevista mill-Artikolu 95(5) KE.

45 Għaldaqstant, ir-raġuni bbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju tal-kontradittorju għandha tiġi miċħuda.

Fuq ir-raġuni bbażata fuq il-ksur ta' l-Artikolu 95(5) KE

L-argumenti tal-partijiet

46 Ir-rikorrenti jindikaw qabel kollox li s-sentenza appellata teżamina r-raġuni bbażata fuq il-ksur tat-Trattat biss mill-perspettiva tal-verifika tal-kundizzjoni relativa għall-eżistenza ta' problema speċifika u li, għaldqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret id-dritt tagħhom li jinstemgħu.

47 Ir-Repubblika ta' l-Awstrija żżid li l-provi xjentifiċi ġodda jikkostitwixxu element essenzjali ta' l-Artikolu 95(5) KE u li, anki fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni relativa għall-eżistenza ta' problema speċifika ta' l-Istat Membru, il-kwistjoni tal-koeżistenza ta' GMOs u ta' prodotti tar-raba' naturali, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma jmisshiex injorat in-nuqqas ta' l-evalwazzjoni tar-riskji u l-prinċipju ta' prekawzjoni. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni m'għamlitx analiżi xjentifika kompleta tar-riskji, hija lanqas ma ħadet in kunsiderazzjoni d-dritt ta' parti li tinstema' u, fl-aħħar nett, hija ma ssodisfatx l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuqha.

48 Ir-rikorrenti mbagħad jikkritikaw il-punt 67 tas-sentenza appellata inkwantu dan jibbaża n-nuqqas, f'dan il-każ, ta' problema speċifika fis-sens ta' l-Artikolu 95(5) KE fuq il-fatt li ma ġiex ipprovat li jeżistu GMOs fit-territorju tal-Land Oberösterreich. Is-sentenza appellata tikkontradixxi f'dan ir-rigward l-obbligu li jittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni meta jiġu adottati, abbażi ta' l-imsemmi Artikolu 95 KE, dispożizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa, tas-sigurtà, tal-ħarsien ta' l-ambjent u tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

49 Ir-Repubblika ta' l-Awstrija żżid li, billi interpretaw il-kundizzjonijiet relativi għall-eżistenza ta' problema speċifika b'mod restrittiv wisq, billi ma evalwawx b'mod suffiċjenti r-riskji u l-provi xjentifiċi ġodda u bili ma ħadux in kunsiderazzjoni l-prinċipju ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Prim'Istanza influwenzaw b'mod determinanti s-soluzzjoni tal-kawża u kienu ta' dannu għall-interessi tagħha.

50 Bħala risposta, il-Kummissjoni ssostni li l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqitx evalwazzjoni rilevanti taċ-ċirkustanzi tal-kawża miġjuba quddiemha hija intiża biex jiġi ddeterminat jekk hija kissritx id-dritt Komunitajru u mhux jekk hija wettqitx irregolarità proċedurali minħabba motivazzjoni insuffiċjenti.

51 Il-Kummissjoni tispeċifika li l-eżistenza ta' provi xjentifiċi ġodda u l-ħarsien ta' l-ambjent mhumiex parti mill-kundizzjonijiet li jikkostitwixxu problema speċifika, iżda huma fuq l-istess livell bħall-problema, peress li l-kundizzjonijiet kollha previsti mill-Artikolu 95(5) KE huma kumulattivi. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament ċaħdet ir-rikors wara li kkonstatat li l-kundizzjoni relativa għall-eżistenza ta' probelma speċifika ma kinitx ġiet sodisfatta.

52 Għal dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni ssostni li, fil-punt 71 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza spjegat b'mod tajjeb ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tar-raġuni bbażata fuq il-ksur ta' dan il-prinċipju u li r-Repubblika ta' l-Awstrija ma kkontestatx din il-parti tas-sentenza, almenu mhux b'mod espress u dettaljat.

53 Dejjem skond il-Kummissjoni, il-kunsiderazzjonijiet relativi għall-allegati omissjonijiet tal-Kummissjoni fil-proċedura ta' l-eżami tat-talba kif ukoll l-argumenti relativi għall-prinċipju ta' l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża mhumiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-kwistjoni jekk is-sentenza appellata hijiex ivvizjata minn żball ta' liġi. Fir-rigward ta' l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża, l-argumentazzjoni żviluppata f'dan ir-rigward hija inammissibbli peress li mhijiex sostnuta u, fi kwalunkwe każ, hija manifestament infonadata inkwantu d-drittijiet tad-difiża tar-

Repubblika ta' l-Awstrija bl-ebda mod ma ġew limitati matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

54 Ir-rikorrenti jikkunsidraw fl-aħħar nett li l-irregolarità proċedurali li invokaw hija bbażata fuq żball ta' evalwazzjoni u, għaldaqstant, tikkostitwixxi wkoll raġuni bbażata fuq il-ksur tad-dritt Komunitarju. Fil-fehma tagħhom, it-terminu "speċifika" m'għandux jitqies bħala sinonimu għall-kelma "unika". Il-problemi koperti mill-Artikolu 95(5) KE għandhom jitqiesu bħala problemi partikolari, iżda bl-ebda mod bħala problemi uniċi li huma problemi ta' Stat Membru wieħed biss jew ta' reġjun wieħed. Ir-rikorrenti jikkunsidraw li, billi interpretat ħażin it-terminu "speċifika", il-Qorti tal-Prim'Istanza, b'mod żbaljat, ma eżaminatx il-kundizzjonijiet l-oħra stipulati fl-Artikolu 95(5) KE u kisret id-dritt Koumitarju f'dan ir-rigward.

55 Bħala risposta, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza bl-ebda mod ma kienet marbuta teżamina b'mod dettaljat il-kundizzjoni relativa għall-eżistenza ta' problema speċifika u tikkunsidra li r-rikorrenti ma ssodisfawx l-obbligu ta' prova imposta fuqhom skond l-Artikolu 95(5) KE, inkwantu huma llimitaw ruħhom biex jibbażaw l-argumentazzjoni tagħhom fuq id-daqs żgħir ta' l-impirżi agriikoli u fuq l-importanza ta' l-agrikoltura bioloġika. Skond il-Kummissjoni, hija l-eżistenza ta' ekosistema partikolari jew eċċezzjonali, li tirrendi neċessarja evalwazzjoni tar-riskji distinta minn dawk li jitwettqu skond id-Direttiva 2001/18 għal reġjuni simili oħra ta' l-Ewropa, li, fil-kuntest ta' problema speċifika, tiġġustifika deroga minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni tindika li r-rikorrenti ma tawx il-prova neċessarja f'dan ir-rigward.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

56 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-legalità tal-miżuri nazzjonali nnotifikati skond l-Artikolu 95(5) KE hija marbuta mill-qrib ma' l-evalwazzjoni tal-provi xjentifiċi miġjuba mill-Istat Membru li jinnotifika.

57 L-imsemmija dispożizzjoni fil-fatt tirrikjedi li l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni tkun ibbażata fuq provi xjentifiċi ġodda li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol reża neċessarja minħabba problema speċifika għal dak l-Istat Membru li tirriżulta wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizazzjoni, u li d-dispożizzjonijiet previsti kif ukoll ir-raġunijiet għall-adozzjoni tagħhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni (sentenza tal-21 ta' Jannar 2003, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 80).

58 Dawn il-kundizzjonijiet huma ta' natura kumulattiva u għalhekk ilkoll għandhom jiġu sodisfatti jekk ir-riżultat mixtieq hu li d-dispożizzjonijiet nazzjonali derogatorji ma jiġux miċħuda mill-Kummissjoni (ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2003, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 81).

59 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-imsemmija natura kumulattiva ma ġietx ikkontestata mill-partijiet f'dan il-każ.

60 Imbagħad, fl-appelli tagħhom, ir-rikorrenti kkontestaw is-sentenza appellata b'mod partikolari fil-parti fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza rrespinġiet l-argumenti tagħhom relativi għall-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fuq il-kundizzjoni relativa għall-eżistenza ta' problema speċifika ta' l-Istat Membru li jinnotifika.

61 Fil-punti 66 u 67 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-fatt ikkunsidrat li r-rikorrenti ma kinux ipproduċew elementi ta' prova li jippermettu li tiġi ddubitata l-fondatezza ta' dawn l-evalwazzjonijiet u kienu llimitaw ruħhom biex jenfasizzaw id-daqs żgħir ta' l-impriżi agrikoli u l-importanza ta' l-agrikoltura bioloġika fil-Land Oberösterreich. Hija żiedet b'mod partikolari li r-rikorrenti ma invokawx elementi ta' prova intiżi biex jikkonfutaw il-konklużjonijiet ta' l-EFSA li r-Repubblika ta' l-Awstrija ma stabbilixxietx li t-territorju tal-Land Oberösterreich fih ekosistemi partikolari jew eċċezzjonali, li jirrikjedu evalwazzjoni tar-riskji distinta minn dawk effettwati fil-konfront ta' l-Awstrija kollha jew fil-konfront ta' reġjuni simili oħra ta' l-Ewropa. Fil-fehma tagħha, il-kunsiderazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti, min-natura ġenerali tagħhom, ma kinux kapaċi jinvalidaw l-evalwazzjonijiet konkreti li jinsabu fis-sentenza appellata.

62 F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li r-Repubblika ta' l-Awstrija ma kinitx uriet li fit-territorju tal-Land Oberösterreich kien hemm problema speċifika, fis-sens ta' l-Artikolu 95(5) KE, li rriżultat wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2001/18.

63 Din id-deċiżjoni ġiet adottata wara l-opinjoni ta' l-EFSA, li kkonstatat in-nuqqas ta' provi xjentifiċi li juru l-eżistenza ta' problema speċifika. Din l-aġenzija kkunsidrat li ma kien ġie ppreżentat ebda element xjentifiku li jagħti prova ta' l-eżistenza ta' ekosistemi partikolari jew eċċezzjonali, li jirrikjedu evalwazzjoni tar-riskji distinta minn dawk imwettqa fil-konfront ta' l-Awstrija kollha jew fil-konfront ta' reġjuni simili oħra ta' l-Ewropa. Din l-aġenzija kkonkludiet li r-rapport Müller ma ta ebda informazzjoni ġdida li setgħet tinvalida d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18.

64 F'dan ir-rigward, ma jidhirx li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' liġi meta fakkret li l-konklużjonijiet ta' l-EFSA relativi għan-nuqqas ta' provi xjentifiċi li juru l-eżistenza ta' problema speċifika kienu ttieħdu in kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni.

65 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma interpretatx ħażin it-terminu "speċifika" msemmi fl-Artikolu 95(5) KE peress li hija ma ddeċidietx li, sabiex il-kundizzjonijiet stipulati f'din id-dispożizzjoni jkunu sodisfatti, biss l-eżistenza ta' problema "unika", kunċett iżjed restrittiv minn dak ta' problema "speċifika", kellha tintwera.

66 F'dan ir-rigward, fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza rriproduċiet il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u dawk ta' l-EFSA, biex tirrileva li r-Repubblika ta' l-Awstrija ma kienet ipproduċiet ebda element xjentifiku li jipprova b'mod partikolari l-eżistenza ta' ekosistemi "partikolari".

67 Fil-verżjoni Ġermaniża tad-deċiżjoni kkontestata, li hija awtentika, issir referenza għal "ungewöhnliches Ökosystem" u fl-opinjoni ta' l-EFSA, miktuba bl-Ingliż, għal "unusual ecosystems", li tneħħi kull sinjifikat mit-termini "einzigartiges" u "unique" li jinsabu fil-verżjoni Ġermaniża tad-deċiżjoni kkontestata u fl-opinjoni ta' l-EFSA rispettivament.

68 Għandu jingħad ukoll li, billi kkunsidrat li r-rikorrenti ma kinux ippreżentaw elementi ta' prova li jippermettu li tiġi ddubitata l-fondatezza ta' l-evalwazzjonijiet relativi għan-nuqqas ta' provi xjentifiċi li juru l-eżistenza ta' problema speċifika u għalhekk li waħda mill-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 95(5) KE ma kinitx ġiet sodisfatta, ma jidhirx li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' liġi f'dan ir-rigward.

69 Fl-aħħar nett, jirriżulta mill-ġurisprudenza li, peress li l-kundizzjonijeit previsti mill-Artikolu 95(5) KE huma ta' natura kumulattiva, m'hemmx għalfejn jiġu eżaminati l-imsemmija kundizzjonijiet kollha jekk jiġi kkonstatat li waħda minnhom mhijiex sodisfatta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2003, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 88).

70 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li kkunsidrat li l-kundizzjoni relativa għall-eżistenza ta' problema speċifika ta' l-Istat Membru ma kinitx sodisfatta, ġustament ċaħdet ir-rikorsi mingħajr ma eżaminat jekk il-kundizzjonijiet l-oħra kinux sodisfatti.

71 L-argumenti tar-rikorrenti marbuta mal-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza llimitat ruħha biex tanalizza l-kundizzjoni relativa għall-eżistenza ta' problema speċifika ta' l-Istat Membru, kif ukoll dawk relativi għad-dritt li parti tinstema', għall-obbligu ta' motivazzjoni u għad-drittijiet tad-difiża, konsegwentement, mhumiex fonadati.

72 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, billi ċaħdet ir-rikorsi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kisritx l-Artikolu 95(5) KE.

73 Konsegwentement, it-tieni raġuni tar-rikorrenti mhijiex fondata u l-appelli għandhon jiġu miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

74 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skond l-Artikolu 118 ta' l-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li Land Oberösterreich u r-Repubblika ta' l-Awstrija tilfu, hemm lok jiġu ordnati jbatu l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appelli huma miċħuda.

2) Il-Land Oberösterreich u r-Repubblika ta' l-Awstrija għandhom ibatu l-ispejjeż.

Firem